**224. Il-Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar jipproponi:**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jikri lill-Malta Containers Terminal Company (Maconte) Limited art f'Marsaxlokk deskritta aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas-subartiklu (1) tal-artiklu 3 ta' l-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita 'skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment';

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-art f'Marsaxlokk kif deskritta aħjar fl-abbozz ta' ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tiġi mogħtija lill-Malta Containers Terminal Company (Maconte) Limited għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmijin fl-istess abbozz.

15.05.85